MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 1223/2011

**Victor Fenech**

**Vs**

**Malta Freeport Terminals Limited**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-12 ta' Dicembru 2011, l-attur ippremetta u talab:-

*1. Illi r-rikorrent hu registered port-worker u fit-23 ta' April 2008 kien qed jahdem b'inkarigu tas-socjeta' intimata bhala truck driver fil-Freeport Terminal, Kalafrana;*

*2. Illi ghall-habta tad-disgha ta' filghodu (9am), ir-rikorrent waqqaf it-tug-master (trakk appozitu) misjuq minnu fuq il-moll, skont l-istruzzjonijiet li nghata mill-principal. Hu kien qieghed wieqaf jistenna sabiex container jigi mghobbi fuq il-karru migbud mill-istess tug-master. Il-container ikun merfugh u jitqieghed fuq il-karru tat-tug-master permezz ta' krejn appozitu maghruf bhala gantry-crane, li jkun operat minn adett tas-socjeta' intimata. Dan il-container tnizzel fuq il-karru tat-tug-master tar-rikorrent permezz ta' krejn, izda mbaghad minflok ma l-container gie zgancjat u tqieghed fuq il-karru, il-krejn rega' vira [refa' 'l fuq] il-container meta dan il-container kien ghadu ma giex zgancjat minn mal-ispreader (l-ispreader huwa bicca apparat kbira maghmula minn hadid li permezz taghha l-krejn jahtaf il-containers) tal-krejn, u waqt li dan il-container kien elevat minn mal-karru gie mitluq b'sabta ghal fuq il-karru, b'konsegwenza li t-tug-master gie mhezzez vjolentement, u r-rikorrent, li kien bilqieghda fil-kabina tat-tug-master, gie skussjat u msabbat mal-kabina tal-istess truck;*

*3. Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident ir-rikorrent korra serjament f'dahru, f'ghonqu u fil-hip u sofra dizabilita' permanenti fuq il-persuna tieghu u danni ohrajn, skond ma jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxjat mill-konsulent ortopediku l-Kirurgu Ivan Esposito, li qed jigi hawn anness u markat bhala Dokument VF 2;*

*4. Illi l-incident fuq imsemmi sehh unikament b'tort, b'htija, b'negligenza u traskuragni tas-socjeta' intimata, li naqset ukoll milli tosserva l-obbligu impost fuqha mil-ligi li bhala principal tizgura ambjent ta' xoghol hieles mill-perikoli ghall-haddiema, u ghalhekk naqset milli zzomm a safe working environment;*

*5. Illi s-socjeta' intimata giet interpellata biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent f'dan l-incident izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata hi responsabbli ghall-incident li fih safa korrut ir-rikorrent fit-23 ta' April 2008 fil-Freeport Terminal, Kalafrana;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minhabba dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

*3. Tikkundanna lis-socjeta' intimata biex thallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tas-17 ta' Dicembru 2009 kontra s-socjeta' intimata li hi ngunta ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fis-6 ta' Jannar 2012, il-konvenuta wiegbet:-

*1. Illi s-socjeta' intimata m'hijiex responsabbli ghall-incident de quo;*

*2. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza odjerna.*

Il-qorti semghet il-provi u trattazzjoni u rat l-atti.

Il-kaz jitratta dwar incident fuq il-post tax-xoghol. L-attur jahdem bhala port worker. Fost id-dmirijiet tieghu jrid isuq trukk fil-Freeport Terminal, Kalafrana. Fit-23 ta' April 2008 kien qieghed ghax-xoghol. Waqt li l-attur kien fil-kabina tat-trukk jistenna sabiex jitghabba container li kien qieghed jitnizzel permezz ta' krejn, jidher li f'hin minnhom il-container inqata' minn ma' spreader tal-krejn meta l-qiegh tal-container kienu ghadu m'huwiex iserrah fuq it-trukk. Dan wassal biex il-container nizel b'tisbita fuq it-trukk. Bl-iskoss l-attur wegga. Min-naha tal-konvenut l-incident gie deskritt hekk:

*"Whilst PWS driver Victor Fenech (Kapsai) was under QC18 waiting for a 20' container to be loaded on Tug 149, the spreader got stuck to the container and consequently the spreader lifted back up the container which then fell on the trailer and Victor suffered severe back pain"* (fol. 57).

Skond ir-rapport tal-perit mediku, l-attur qieghed ibati minn debilita permanenti ta' 15% (fol. 97). Hu rrelata:-

*"Jidher li s-sur Fenech sofra hsara fir-R. hip joint minhabba l-iskoss li ha fl-incident imsemmi.*

*B'xorti hazina, ladarba l-qarquca ta' dal-gog garrbet hsara, dil-hsara x'aktarx tkompli tikber maz-zmien. Ghalhekk x'aktarx li s-sur Fenech ser ikollu artrite fil-hip joint lemini fl-eta'*

*pjuttost zghira. Il-fatt li zdied fil-piz minhabba n-nuqqas ta' attivita' ma jghinx. Is-sur Fenech kellu jbiddel xi ftit ix-xoghol li kien jaghmel qabel u kellu jieqaf milli jkompli jilghab il-football u jahdem parti-time bhala bidwi.*

*Ghalhekk is-sur Fenech x'aktar li ser ikollu bzonn xi forma ta' hip replacement f'eta' relattivament zghira. U jekk ikollu jaghmel din l-operazzjoni, x'aktarx ikollu jaghmel operazzjoni ohra (revision) ftit snin wara".*

**Responsabbilta'**.

Il-konvenuta ssostni li m'hijiex responsabbli ghall-incident.

Mill-provi rrizulta li waqt li jkunu qeghdin jinhattu u jitghabbew il-containers, ix-xufiera jridu jibqghu fit-trukk (ara deposizzjoni ta' Dr Borg Myatt, fol. 142[1]). Dan ix-xhud qal li jekk ix-xufiera jithallew johorgu mit-trukk sakemm jinhatt jew jitghabba container:-

*"[…] tispicca ghandek moll twil kilometru ha jkollok, jekk ghandek tletin trukk, tletin xufiera ghaddejjin fuq il-moll u fuq rashom nezlin il-kontejner. Wara li sehh dan l-incident ma ttiehdu l-ebda mizuri. Is-sistema ghadha hekk sal-lum".*

Dan il-process hu mghaggel u m'hemmx hin x'jintilef. F'dan ir-rigward issir riferenza ghad-deposizzjoni ta' Ivan Curmi (fol. 156)[2] li kkonferma kemm hu mghaggel il-process u:

*"…. biex l-ispreader biex jitla' minn isfel sa fuq tal-crane jiehu inqas minn …. tletin sekonda. Igifieri jkun tela' cirka hdax-il sular".*

Hi d-decizjoni tal-konvenuta li x-xufiera ma jistghux jinzlu mit-trukk waqt il-process. M'hemmx ghalfejn tkun tas-sengha biex taghraf li fil-process kif qieghed jithaddem ix-xufiera huma esposti ghal riskju. Il-containers jitnizzlu bil-crane minn gholi konsiderevoli (ara ritratt

[1] Ara wkoll deposizzjoni ta' Ivan Curmi, ufficjal tal-kumpannija konvenuta.
[2] Maintenance and repair manager.

VF4 a fol. 37[3]). Ghalkemm jithaddmu min-nies tas-sengha, qeghdin joperaw l-ingenji minn gholi konsiderevoli minghajr ebda assistenza ta' *cameras*.

Dan apparti li fil-kaz in ezami rrizulta kif il-krejn kien qieghed jigi operat minn certu Orlando Pisani, li ftit granet qabel kien ghadu kif beda jahdem bhala *trainee*[4]. Sahansitra jidher li kien hemm okkazzjonijiet meta kien qieghed jithalla jopera l-krejn minghajr ebda supervizjoni. Fatt li l-konvenuta ma gabitx prova kontra tieghu u li fil-fehma tal-qorti turi nuqqas ta' serjeta' min-naha tal-konvenuta.

Il-qorti ma tqiesx li r-riskju li jsehh incident bhal dak in ezami, hu remot jew impossibbli. 'Il fatt li incidenti simili huma rari ma jfissirx li m'humiex prevedibbli. Gialadarba dan ir-riskju jittiehed b'mod konsapevoli, m'ghandux ikun li l-konvenuta tipprova tfarfar mir-responsabbilta meta jinqala' incident simili dak in ezami. Il-konvenuta ghandha dmir tizgura li l-haddiema ma jkunux esposti ghal dawn it-tip ta' riskji. M'huwiex il-kompitu tal-qorti li tidentifika x'jista' jsir biex l-inklumita tax-xufiera tigi salvagwardjata. Id-dmir hu fuq il-konvenuta li tiggarantixxi ambjent sigur gewwa l-Freeport lil kull min jahdem hemm gew, gialadarba tmexxieh hi[5]. Ambjent li fil-fehma tal-qorti m'huwiex jigi pprovdut lill-attur u haddiema ohra bhalu.

Ix-xhud Ivan Curmi ta x'jifhem li dak li gara kien minhabba difett fil-container:

*"Jista' jkollok kaz fejn il-container ikun xi ftit deformed. Hu bhala operator ikun ghafasha l-buttuna biex jizganca t-twist locks, imma ghax il-container ikun xi ftit deformed dawn xorta jkunu maqbudin ftit mal-kontejner. Hu bhala operator mhux ser ikun jaf li jezisti dan id-difett. Xorta ser tidher il-bozza hadra. Jekk il-crane ma jkollux bozza hadra jew hamra, ma jkunx jista' jahdem. Ma jkunx jista' jtella' jew jimmanuvra l-ispreader. Din hija safety feature. Wara l-incident din l-ispreader baqghet tintuza. Ma kien hemm l-ebda intervent fuqha.* ***Id-difett nifhem li kien fil-kontejner"*** (fol. 156).

Pero' ma tressqet l-ebda prova konkreta li l-kontejner kien difettuz[6]. M'hemmx prova li sar xi ezami fuq il-container involut fl-incident. Dan apparti li l-qorti taqbel mar-ragunament tal-

[3] Ivan Curmi xehed: *"Bejn wiehed u iehor bejn l-gholi fejn ikun l-operator, il-kabina u t-trailer ikun hemm xi hdax-il sular"*.
[4] Xehed fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012 (fol. 90).
[5] Ara wkoll gurisprudenza li hemm riferenza ghaliha fis-sentenza **E. Borg et vs Malta Freeport Terminals Limited et** tal-20 ta' Marzu 2012 (Prim'Awla, Imhallef L. Farrugia Sacco). Rilevanti wkoll hi s-sentenza **R. Spiteri vs Malta Freeports Terminal Limited** tal-5 ta' Ottubru 2007 (Prim'Awla, Imhallef G. Valenzia).
[6] Dr Duncan Borg Myatt, ufficjal tal-kumpannija konvenuta, semma wkoll li jista' jkun il-kaz li t-trukk ma jkunx dritt. Pero' qal ukoll: *"Mistoqsi jekk, fil-fatt, f'dan il-kaz in partikolari garax hekk, nghid illi*

attur, li 'l fatt li hu maghruf li container jista' jkollu xi difett, jaghmel l-akkadut iktar prevedibbli. F'kull kaz il-problema hi li x-xufier hu obbligat li jibqa' fit-trukk waqt dan il-process u m'hemmx *cameras* mal-*ispreader*. Lanqas ma jirrizulta li fuq il-moll ikun hemm xi ufficcjali qieghed jassisti lill-operatur tal-krejn. Ikun hemm biss *tally clerk* maghluq f'kabina li tifforma parti mill-krejn u li xogholu hu li jghodd in-numru ta' *containers* telghin u nezlin. Dan ifisser li l-konvenuta qeghda tesponi lil nies bhall-attur ghall-periklu.

**<u>Likwidazzjoni danni</u>**.

Mill-provi rrizulta li l-attur dam barra bis-*sick leave* mit-23 ta' April 2008 sas-16 ta' Jannar 2011[7], li wassal ghal telf ta' qliegh (*gross wages*) ta' **€172,096.17** (Dok. GC1 a fol. 70). Minn din ic-cifra trid titnaqqas it-taxxa li kien ihallas l-attur (ara sentenza ta' din il-qorti fil-kawza **Anthony Azzopardi et vs Anthony Caruana**, 4 ta' Mejju 2015). Ghalhekk a bazi ta' dak li ser jinghad hawn taht, il-qorti ser tnaqqas 26% minn din is-somma, u t-total hu ta' **€127,351.17**.

Irrizulta wkoll li tilef l-opportunita' li jaghmel xoghol fil-Marsa ta' *transhipment*. Skond id-dokument a fol. 105 dan fisser telf ta' €1,045.30. Wara li tnaqqas it-taxxa ta' 26% jibqa' bilanc ta' **€773.52**.

Inoltre rrizulta li l-attur fil-perjodu bejn 28 ta' April 2008 sat-23 ta' April 2009, ircieva s-somma ta' €1,316.36 bhala ghajnuna finanzjarja, u fil-21 ta' Ottubru 2011 is-somma ta' €2,249.75 bhala disability gratuity. Hlas li rcieva minghand id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, b'total ta' **€3,746.11**. Ammont li ghandu jitnaqqas mid-dhul li tilef.

Ghamel ukoll spejjez medici fl-ammont ta' **€1,334**, il-parti l-kbira taghhom fizjoterapija matul il-perjodu 29 ta' Lulju 2008 sad-29 ta' Dicembru 2008. Hlasijiet li l-parti l-ohra ma kkontestax.

---

*jien ma kontx fuq il-post….."* (fol. 132). Hu veru li iktar tard xehed: *"Pero' meta wiehed jinvestiga jew jistudja ghalfejn seta' gara hekk, huwa ghaliex it-trukk ma jkunx linejari taht il-container"* (fol. 135). Pero' mbaghad qal li hu m'huwiex persuna teknika. M'hemm l-ebda prova li l-attur kellu xi htija ghal dak li gara. F'kull kaz jekk it-trukk ma jkunx dritt, allura l-operator m'ghandu qatt jipprova jhott il-*container* qabel it-trukk ma jkun qieghed fil-posizzjoni mehtiega.

[7] Il-qorti fehemet li t-tabib inkarigat mill-kumpannija konvenuta baqa' jiccertifika lill-attur li kien ghadu m'huwiex b'sahhtu biex jirritorna ghax-xoghol (ara deposizzjoni ta' certu Dr Pace, seduta 5 ta' Novembru 2012, fol. 102A li kien inkarigat mill-tabib inkarigat mill-Port Workers Board biex isegwi haddiem tax-xatt li jkunu qeghdin b'*sick leave*).

Total ta' **<u>€125,712.58</u>**.

Meta xehed fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, l-attur semma wkoll li ghaliex kellu bzonn il-flus fil-perjodu li ma kienx qieghed jirrapporta ghax-xoghol, kellu jsarraf *Private Retirement Plan*. Jirrizulta li din il-polza kienet mal-HSBC Life Assurance Malta Limited u giet *surrendered* fl-10 ta' Jannar tas-sena 2011 u rcieva s-somma ta' €26,991.43. Jason Gatt xehed:

*"Il-valur tal-polza sal-2031 ma nkunux nafuh minhabba 'l fatt li jiddependi mill-prezzijiet tas-suq"* (fol. 102D).

Jirrizulta li fid-19 ta' Dicembru 2008 l-attur kien talab ghal *premium holiday*[8] ghal 24 xahar. Imbaghad fit-30 ta' Novembru 2009 talab ghal premium holiday ohra 60 xahar. Madankollu eventwalment iddecieda li jsarraf il-polza.

Il-qorti m'hijiex ser tallokka xi danni f'dan ir-rigward in kwantu:

i. L-attur ma tax prova tal-attiv li kellu meta ddecieda li jsarraf il-polza biex jikkonvinci lill-qorti li l-qaghda finanzjarja tieghu kienet fi stat prekarju li ma kellux ghazla ohra;
ii. Hu evidenti li din it-tip ta' polza ma taghti l-ebda garanzija li ser tircievi lura l-kapital li l-persuna tkun investiet;
iii. Kien hu stess li talab biex jinghata estensjoni ta' *premium holiday* ghal 60 xahar iehor. Talba li l-qorti tifhem li meta saret ghaliex kien f'posizzjoni finanzjarja li ma kellux bzonn il-kapital. Ma ngabux provi dwar x'gara wara;
iv. Il-polza ssarrfet fit-3 ta' Jannar 2011, ftit granet qabel rega' dahal lura ghax-xoghol u rega' kellu ntrojtu. Il-qorti ma tifhimx x'kienet l-urgenza li tissarraf il-polza gialadarba fuq bazi ta' probabilita' meta ghamel it-talba biex issarrafha kien diga' jaf li ser jidhol lura ghax-xoghol;
v. M'huwiex maghruf xi hlas kien ikun intitolat ghalih l-attur kieku ma llikwidax il-polza jew kieku d-decizjoni ttiehdet qabel.

Fil-gurnata tal-incident l-attur kellu 42 sena[9]. Irrizulta wkoll li matul is-sena 2007 il-*gross wage* tal-attur kienet **Lm27,849** (€64,870.72). Minn din is-somma kwazi 26% minnha

[8] Perjodu li fih ma jhallasx premium u ma jitlef xejn mid-drittijiet tieghu.
[9] Twieled fil-21 ta' Ottubru 1965 (fol. 34).

thallset bhala taxxa (Lm7,146 [€16,645.70])[10], ghalhekk nett ta' **Lm20,703 (€48,225)**. Ghalhekk f'dan ir-rigward id-danni huma:

€48,225 x 15 il-sena = €723,375 x 15% = €108,506 – 10%[11] = **€97,655**

Ghalkemm fl-affidavit l-attur ilmenta li *"… l-introjtu tieghi naqas sew…"* (fol. 35), prova ma tressqitx. Inoltre, waqt it-trattazzjoni ssemma wkoll 'il fatt li l-perit mediku rrelata li l-attur ser ikollu bzonn *hip replacement*, u li dan ser ifisser telf ta' xoghol. Il-qorti qeghda tillikwida d-danni llum. M'hemmx prova li sar l-intervent u lanqas m'hemm xi indikazzjoni li qeghdin isiru preparamenti sabiex isir. F'dan ir-rigward il-qorti ma tistax toqghod tispekula ta' x'jista jigri fil-futur.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta.**
2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur.**
3. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' mitejn u tlieta u ghoxrin elf tlett mija u sebgha u sittin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€223,367.58).**
4. **Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tlieta u ghoxrin elf tlett mija u sebgha u sittin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€223,367.58), bl-imghax mil-lum.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuta**.

## < Sentenza Finali >

[10] Materja diga' trattata fis-sentenza **Anthony Azzopardi et vs Anthony Caruana.**

[11] *Lump sum payment*. Ghalkemm hu minnu li l-kawza giet prezentata fit-12 ta' Dicembru 2011, pero' ser titnaqqas biss 10% bhala lump sum payment ghaliex mill-multiplier ta' 15 il-sena, mid-data tal-incident diga' ghaddew 7 snin. Ghalhekk l-element ta' incertezza u snin li ghalihom l-attur ser jircievi hlas bil-quddiem hu ferm inqas.

---------------------------------TMIEM---------------------------------